**6 ta' Diċembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Philippa Farrugia

**Kwerela**

*Jekk quddiem l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Esekuttiva, nonstante li r-reat kien wieħed li jeħtieġ il-kwerela tal-parti leża, jekk hemm dritt ta' appell dan jispetta biss lill-Avukat Ġenerali u mhux lit-tali parti leża.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Philippa Farrugia talli f'Ħaż Żebbuġ ġo Triq Iciljo Calleja kantuniera ma' Triq iż-Żebbuġ, fit-3 ta' Diċembru, 1994 għall-ħabta tad-9.30 a.m. inġurjat lil Stella Micallef ta' 18 Iciljo Calleja Street, Żebbuġ billi qaltilha li kienet ħadet ġurament falz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Lulju, 1995 li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Philippa Farrugia minn dik l-imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Stella Micallef, minnha ppreżentat

fil-25 ta' Lulju, 1995 li bih talbet li dina l-Qorti tiddikjara l-imsemmija sentenza nulla u bla effett u subordinatament, li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza jew tirriformaha;

Rat in-nota ta' Philippa Farrugia tal-5 ta' Diċembru, 1995 kif ukoll il-verbal irreġistrat fl-udjenza tal-lum li bihom l-appellata qed teċċepixxi bażikament in-nullita u l-irritwalita` tar-rikors ta' l-appell; rat ukoll in-nota ta' l-appellanti Stella Micallef, ippreżentata llum stess; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-appellata Philippa Farrugia qed tikkontendi li l-kwerelanti Stella Micallef ma setgħetx tappella f'dan il-każ. Dwar din l-eċċezzjoni il-Qorti tosserva s-segwenti:

L-imputazzjoni miġjuba kontra Philippa Farrugia tirreferi għal reat - dak ta' inġurja (artikolu 252) - li skond l-artikolu 255 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ il-kwerela tal-parti leża sabiex jista' jittieħed proċediment;

Skond l-artikolu 373 ta' l-imsemmi Kodiċi, f'każ ta' reat bħal dak in diżamina, l-azzjoni kriminali tmiss lill-offiż. Dan ifisser, skond l-artikolu 374, li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-istess offiż skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 374;

Skond l-artikolu 413(1)(b) tal-Kap. 9, il-kwerelant jista' jappella fil-każijiet fejn il-prosekuzzjoni titmexxa minnu bħala l-parti offiża, oltre, naturalment, li, bħal fil-każ ta' l-Avukat Ġenerali, id-dritt ta' appell tiegħu irid ikun radikat f'xi waħda mill-ipotesijiet ikkontemplati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 413 imsemmi;

Fil-każ odjern hu evidenti mill-atti - kemm miċ-ċitazzjoni li mhix taħrika ta' kawża privata iżda taħrika ta' kawża tal-Pulizija - kif ukoll mill-verbali u mill-istess sentenza, li l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Esekuttiva u li għalhekk il-partijiet fil-kawża kienu il-Pulziija u l-ġudikabbli, li eventwalment ġiet illiberata;

Jekk dan sarx bi żball jew għax il-Pulizija Esekuttiva għamlet użu mill-*proviso* ta' l-artikolu 373 hu, f'dana l-istadju, irrilevanti. L-appellanti Stella Micallef forsi setgħet tqajjem dan il-punt quddiem il-Qorti Inferjuri u titlob li tmexxi hi l-prosekuzzjoni b'mod li testrometti lill-Pulizija Esekuttiva. Pero' f'dana l-istadju, ċjoe' fl-istadju ta' l-appell, hemm sentenza mogħtija f'kawża tal-Pulizija u fejn il-partijiet huma l-Pulizija u Philippa Farrugia. Għalhekk f'dan il-każ, stante li Philippa Farrugia ġiet illiberata, jekk hemm dritt ta' appell dan kien jispetta biss lill-Avukat Ġenerali;

Dan il-punt ilu li ġie deċiż sa mill-1944 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Francesco Said** (Qorti Kriminali 15/4/44, Vol. XXXII.IV.727) u segwit f'diversi sentenzi fosthom **Il-Pulziija *vs* Eric Pace Bonello** (App. Kriminali 17/10/88), **Il-Pulizija *vs* Joseph Formosa** (App. Krim. 17/10/88), **Il-Pulizija *vs* Dr. Edwin Bonello** (App. Krim. 3/3/89), **Il-Pulizija *vs* Connie Farrugia u Raymond Bajada** (App. Krim. 17/10/90) u **Il-Pulizija *vs* Carmelo *sive* Lino Grima** (App. Krim. 17/10/90);

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellata, tiddikjara l-appell irritu u null u konsegwentement ma tiħux konjizzjoni aktar ta' l-istess appell.